**MINUTI**

## Laqgħa tar-Reġjun Ċentru

## Laqgħa Nru. 69/2016

Data: Tlieta 17 ta' Mejju 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

Preżenti:
Michael Fenech Adami – *President*
Stefan Cordina– *Viċi President*
Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*
Dorian – *Viċi Sindku l-Iklin*
Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*
Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*
Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*
Andre Grech – *Viċi Sindku Hal Balzan*
Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*

Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*
Keith Tanti – *Sindku tal-Pieta'*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*
Maximillian Zammit – *Sindku ta' Xbiex*

Assenti: *Hadd*

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet;
6. Affarijiet Oħra;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

## Minuti - 69/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Nru 68 li saret nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2016, kienu meħuda bħala moqrija.

Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

**2.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fl-aħħar laqgħa kienet ġiet diskussa l-kwotazzjoni mill-A.M.E. Health & Safety Ltd. dwar permessi ta' *scaffolding* u *tower cranes*. Għal din ir-raġuni kien ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiġbor in-numru ta' kemm hemm permessi ta' *tower cranes* u *scaffoldings* fil-lokalitajiet.

Skont l-informazzjoni mgħoddija mill-Kunsilli Lokali jidher li fil-preżent hemm total ta' tmintax-il *scaffolding* u 13-il *tower crane*.

Is-Sur Fenech Adami spjega kif fl-aħħar laqgħa kien ġie approvat li s-Sinjura Roberta Carabott għandha titla' skala minn skala 13 għal skala 11. Id-Dipartiment infurmana li impjegata ma tistax tavvanza fi skala għax tkun talbitha imma għax ir-Reġjun iħoss il-ħtieġa li tinħoloq vakanza interna. Jekk ir-Reġjun jaqbel, għandu jinforma lid-Dipartiment li ser tinħareġ sejħa interna ġewwa r-Reġjun u l-impjegati f'dan ir-Reġjun jistgħu japplikaw.

Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-LESA b'din it-talba u s-Sinjura Elizabeth Vassallo infurmatna li meta Kunsill Lokali japplika għal Speed Camera ġdida, dan irrid jiprovdi rapport. **[DOK A]**

***6:12pm – Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, waslet għal din il-laqgħa.***

# 3. Korrispondenza

**Korrispondenza**

**3.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, poġġa fuq il-mejda r-risposta li

dan ir-Reġjun. Kif kien deċiz fil-laqgħa numru 65, dan ir-Reġjun irċieva mingħand l-Avukat Ġenerali biex jitlob kjarifika fuq il-Gwardjani Lokali.

L-avukata Dott. Mariella Silvio. **[DOK B]**

Il-Kunsillier ta' Tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, qal li fl-ittra m'hemmx interpretazzjoni tal-liġi kif xtaq li jkollu dan ir-Reġjun.

Għal din ir-raġuni kien hemm qbil unanimu li għandha terġa' tintbagħat ittra oħra lil Dott. Silvio sabiex tispjegalna aħjar.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-Kunsill Lokali tal-Pietà nefaq is-somma ta €11,327.13 mis-surplus tal-LES sabiex isir *refurbishment* tal-*playingfield* fil-lokalità tiegħu.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun irċieva ittra mil-Lvant Kumitat Konġunt nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju, datata 26 ta' April 2016, fejn is-Segretarju ta' dan il-Kumitat, is-Sur David Soler, qiegħed jitlob lir-Reġjun sabiex iħallas lill-Kunsilli Lokali li kienu taħt dan il-Kumitat is-somma totali ta' €34,372.00. **[DOK C]**

Kien hemm qbil li dawn il-ħlasijiet għandhom jitħallsu abbazi tad-dokumenti provduti minn dan il-Kumitat Konġunt bi spjegazzjoni dwar kif intefqu u kif saru dawn il-kalkoli.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lir-Reġjun li rċieva ittra mill-cleaner tal-uffiċċju tat-Tribunal biex tinforma lil dan ir-Reġjun li ma tistax tkompli taħsel l-uffiċċju u li f'dawn l-aħħar ġimgħat kienet qed tmur is-Sinjura Susan Spiteri. Għal din ir-raġuni, s-Sinjura Spiteri ser tkun qed tieħu ħsieb l-indafa tat-tribunal.

Dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand Dott. Joseph Lia f'isem l-Arts Council Malta, fejn informa lir-Reġjun li ser tiġi organiżżata laqgħa għall-Artisti u Għaqdiet Non-Governattivi fil-qasam Kreattiv għar-Reġjun Ċentrali, biex jinfurmhom dwar l-opportunitajiet ta' fondi li jeżistu illi jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill Malti għall-Arti. Din il-laqgħa ser issir nhar it-**Tlieta 31 ta' Mejju 2016 fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara** fis-6:30pm. Nitolbukom sabiex tgħaddu dan il-messaġġ lill-Kunsill Lokali tagħkom kif ukoll lill-għaqdiet fil—lokalità tagħkom.

Dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija fejn xtaq jinforma lil dan ir-Reġjun li fl-10 ta' Marzu 2016 waqt il-Laqgħa tar-Reġjun kienu approvati dawn ix-xogħlijiet għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Il-Kunsill Lokali xtaq jinforma lill-membri bl-ammonti korretti fejn iż-zebra crossing minflok €1200.00 huwa €2400.00 għaliex ġie kkwotat zebra crossing lights wieħed biss. Ħal Lija website minflok €1,468.20 ġiet tiswa €1,362.00 u rigward il-patching il-kwotazzjoni għandha tkun ta' €1,600.61 kif ġie

ċċertifikat mill-Perit.

Is-Sur Michael Fenech Adami informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ġie infurmat li b'effet mid-9 ta' Mejju 2016, is Sur Adrian Mifsud inħatar bħala d-Direttur il-ġdid għall-Gvern Lokali wara r-riżenja tas-Sur Carmel Abela.

Is-Sinjura Magda Magri Naudi, issuġġeriet li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament f'isem ir-Reġjun Ċentru sabiex tirringrazzja lis-Sur Carmela Abela tax-xogħol li kien għamel.

Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report

**4.** 4.1 Il-President informa lill-membri li dawn ir-rapporti ma setgħux jiġi mgħoddija f'din il-laqgħa peress li nhar il-Ħamis li għadda l-awditur għaddielna l-proposti tal-aġġustamenti li għandhom isiru.

Għal din ir-raġuni għandha ssir laqgħa urġenti sabiex ikunu jistgħu jiġu preżentati dawn ir-rapporti u jkun hemm l-approvazzjoni mill-membri.

Kien hemm qbil li d-data ser tkun nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2016 fil-5:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' dan ir-Reġjun.

## 5. Mistoqsijiet

**Mistoqsijiet**

**5.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**Approvazzjoni tal-Pagamenti**

**6.1** Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 68. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, spjega li l-Kunsill Lokali tiegħu ma kienx qed jirċievi pagamenti mir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, staqsiet jekk is-Sur Grech hux qed jirreferi għall-*Commissions* jew jekk hemmx xi ħlasijiet oħra.

Is-Sur Grech ma kienx ċert dwar dan.

Is-Sinjura Galea infurmat lis-Sur Grech li l-għada għandha tibgħat e-mail b'rendikont tal-ħlasijiet u l-pagamenti li nħarġu minn dan ir-Reġjun lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv, jekk dan ir-Reġjun jistax iqassam mill-fondi.

Il-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, fakkar lill-membri preżenti sabiex iżommu f'moħħhom li l-LESA għadha m'għaddiet l-ebda pagament lura.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ipproponiet li nistennew sal-laqgħa li jmiss sabiex ikollna spjegazzjoni ċara mill-Accountant qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali dwar dan.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri preżenti dwar cheque lis-Sinjura Elizabeth Vassallo dwar l-aħħar pagament tagħha mir-Reġjun fuq is-servizzi tagħha sabiex isiru l-Commissions.
Peress li d-dokumenti meħtieġa u r-rapporti għadhom ma ġewx mgħoddija lil dan ir-Reġjun, is-Segretarju spjegat li kien hemm ftehim mal-President sabiex dan il-pagament ma joħroġx qabel ma jkollna d-dokumenti kollha f'idejna.

Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 7. Komunikazzjoni mill-President

**Komunikazzjoni mill-President**

7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda kommunikazzjoni.

## 8. Affarijiet Oħra

**Affarijiet Oħra**

### *8.1 Assikurazzjoni fuq l-Assi fissi tar-Reġjun*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet ta' assikurazzjoni għall-evalwazzjoni u l-approvazzjoni mill-membri tar-Reġjun**.**

Ġie deċiż li l-assikurazzjoni għandha ssir mingħand minn għamel l-irħas offerta - is-Citadel Insurance.

### *8.2 L-Uffiċċju tat-Tribunal tar-Reġjun*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex issir ħġieġa fuq l-iskrivanija tar-*reception* ġewwa t-tribunal tar-Reġjun.

Ġie deċiz li din il-ħġieġa għandha ssir għand l-irħas offerta - Andrew Vassallo Ltd. Pero għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-assikurazzjoni qabel ma din issir.

### *8.3 Printer*

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni ta' printer three-in one mingħand l-Intercomp Ltd. għal prezz ta' €150.00.

Kien hemm qbil dwar dan.

### *8.4 Uniformi tal-Impjegati*

**Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li hemm** bżonn jli ixtraw partijiet tal-uniformi. In-nefqa totali mill-Bortex ser tkun ta' **€381.00**. Is-Sinjura Lydia għandha problema bil-fit tal-qmis u l-qalziet u għal din ir-raġuni qed titlob l-approvazzjoni sabiex tkun tista' tixtri qomos bojod u qliezet grizi minn ħanut ieħor.

Kien hemm qbil dwar dan.

### *8.5 Għamara fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

Fil-preżent dan ir-Reġjun qiegħed jikri l-uffiċċju amministrattiv mill-Kumpanija Relos Services Ltd. F'dan il-kuntratt hemm pagament li jikkonċerna l-kera tal-bini flimkien ma kera oħra fuq l-għamara tal-bini. F'April ta' kull sena il-kera titla bit-3%. Fil-preżent ir-Reġjun qiegħed iħallas €4,103.06 – fejn €3,318.06 huma fuq il-bini u €785.00 huma fuq l-għamara. Dan l-ammont huwa ta' tliet xhur. Mill-2012 sa' Ġunju 2016, dan ir-Reġjun ħallas total ta' €13,103.29. Għal din ir-raġuni, qed jiġi propost sabiex jinġabru kwotazzjonijiet sabiex tinxtara għamara ġdida u adekwata u din il-kera ma tibqax titħallas.

### *8.6 Tender għal van*

Peress li talbiet iridu jiġu pubblikati *online* u peress li din hija l-ewwel darba tagħna, qed nikkonsultaw mad-Dipartiment sabiex inkunu ċerti li d-dokument meħtieġ jidher tajjeb qabel ma jiġi ppublikat. Peress li t-tender tal-vann għadu ma ġiex ippublikat, t-tender għall-van irid jiġġedded għal xahrejn oħra

Kien hemm approvazzjoni unanima dwar dan.

## 9. Aġġornament

**Aġġornament**

**9.1** Il-laqgħa ġiet fit-tmiemha fis-6:50pm u aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016, fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Michael Fenech Adami** | **Jeanette Galea** |
| *President* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: **14 ta' Ġunju 2016**